

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 118/2019

tat-8 ta' Mejju 2019

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2016]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1985 tat-13 ta' Diċembru 2018 li ma tapprovax *Willaertia magna* c2c maky bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 11 ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddied wara l-punt 12zzzzzu (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1305) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"12zzzzzv. **32018 D 1985**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1985 tat-13 ta' Diċembru 2018 li ma tapprovax *Willaertia magna* c2c maky bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 11 (ĠU L 317, 14.12.2018, p. 27)."

Artikolu 2

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1985 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2019, dment li jkun saru l-avviżi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2019.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN

(¹) ĠU L 317, 14.12.2018, p. 27.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.